MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Dicembru, 2004

Numru 1073/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Alexander Grech**
**Spettur Ramon Mercieca**
v

**JASON CARUANA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JASON CARUANA** bin Joseph u Jane nee Vella, imwieled Pieta u residenti 102/11, Triq San Duminku, Valletta, detentur tal-karta tal-identita` numru 77974M gie imressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Matul il-lejl ta' bejn it-tnax ta' Dicembru u t-tlettax ta' Dicembru, 2004 ghall-habta tat-3.30am ikkommetta serq ta' apparat tal-computer u apparat telefoniku b'valur ta' izjed minn elf lira Maltin mill-fond numru 1, Triq Stretta, Valletta ghad-dannu tan-Nutar

Anthony Abela mir-Rabat liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-valur.
2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` fl-istess apparat u fil-fond imsemmi ghad-dannu tal-istess Nutar Anthony Abela.
3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bi hsieb li jaghmel delitt u wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' serq aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-valur mill-fond bl-isem ta' "Data Express" sitwat fi Triq Ordinanza, Valletta, liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu.
4. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, xjentement xtara jew laqgha ghandu oggetti gejjin minn serq aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-valur mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir Malta, jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxijhom.
5. Talli b'hekk ser jitqies recidiv b'diversi sentenzi mghotija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi.
Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika ukoll l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 370 (4), 390 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar l-erbatax ta' Dicembru, 2004 u dan wara li l-istess Ufficjal Prosekutur halef l-akkuzi.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tal-erbatax ta' Dicembru, 2004.

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa u inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Dwar il-piena l-Qorti hadet konjizzjoni tas-segwenti, u cioe` qieset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe` l-ammissjoni bikrija tal-imputat fl-ewwel opportunita` moghtija lilu waqt il-presentata. Pero’ minn naha l-ohra rat ukoll illi l-imputat diga` tressaq il-Qorti mill-inqas tnax id-darba u nstab hati ta’ akkuzi ta’ diversi serqiet aggravati, hsara volontarja, resistenza u vjolenza fuq ufficjal pubbliku, talli ikkaguna sfregju fuq ufficjal pubbliku fost akkuzi ohrajn.

Illi l-imputat inghata diversi cansijiet minn din il-Qorti sabiex jirrijabilita ruhu u fil-fatt inghata probations u multi u sentenzi sospizi izda dan nonstante l-imputat ma tghallimx u reggha jinsab il-Qorti akkuzat bl-akkuzi odjerni. Il-Qorti ma tistax taghti messagg lis-socjeta` li hija sejra tkun klementi fil-piena taghha kull darba bniedem li jammetti akkuzi mhux ser jinghata piena karcerarja u dan ghaliex il-Qorti tqis kull kaz bhala wiehed distint u separat minn iehor u l-piena li tinflingi din il-Qorti hija dik ideali ghall-kaz in dizamina. F’dan il-kaz il-Qorti thoss illi l-piena li ghandha tinfliggi hija dik ta’ piena karcerarja.

**Ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 41 1(a), 261 (b) (c) (f), 263, 267, 270, 279, 325 (b), 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li ssib lill-imputat JASON CARUANA hati tal-akkuzi kollha u tikkundannah piena karcerarja ta’ sentejn u nofs.**

**Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba maghmula mill-Prosekuzzjoni ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 u dan ghaliex f’dan il-kaz ma kien hemm nominat l-ebda espert jew perit waqt il-kumpilazzjoni.**

**Il-Qorti tordna ai termini tal-artikolu 401 (3) tal-Kap 9 li din is-sentenza u l-atti kollha tal-process jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------